MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 133/2002/1

**Gaetano Attard**

**vs**

**Jesmond Azzopardi u Adriana Camilleri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef u mitt lira Maltin (Lm3,100.00) bhala rifuzjoni tad-depozitu mhallas lill-konvenuti mill-attur fit-8 ta’ Dicembru, 2000, akkont tal-prezz tal-fond ‘Silverstone’, Flat numru 4, Pjazza Sette Giugno, Hamrun, f’liema data sar il-konvenju redatt minn Nutar Antoine Agius fejn il-konvenuti obbligaw ruhhom li jbieghu l-imsemmi fond lill-attur u lil Jamie Zammit u dan peress li l-kuntratt ta’ bejgh relattiv ma sarx.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-attur li permezz taghha ceda s-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-7 ta' Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg.